MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Numru 56/2005

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Stephen Vella** ta' 36 sena, bin Carmel u Mary Ann *nee'* Curmi, imwieled Mtarfa limiti tar-Rabat fit-30 ta' Mejju, 1968, residenti Flat 5, Triq Garcia De Toledo, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 236368M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'hanut bl-isem 'S&K' li jinsab f'Paceville Avenue, Paceville, fid-19 ta' Jannar, 2005, u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda;

1. Iffalsifikajt jew biddilt, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjenetement ghamilt uzu ta' sinjali, tabelli, jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija jew xjentement

qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zammejt ghandek ghal bejgh jew importajt ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe' accessorji ta' telefon cellulari tad-ditta Nokia u dan bi ksur tal-artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampajt, immanifatturajt, idduplikajt, jew b'mod iehor ipproducejt, jew ikkopjajt, jew bieghejt, jew mod iehor offrejt ghall-bejgh jew biex jitqassm, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 298 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess perjodu bl-ghan li tiehu vantagg ghalik inifsek jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li tikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applikajt fuq oggetti jew fuq l-ippakkjettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'xaktarx jithawwad ma' trademark registrata, jew bieghajt jew krejt, offrejt jew esponejt ghall-bejgh jew kiri jew qassamt oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkjettjar taghhom kellu fuqhom sinjal bhal dak u dan bi ksur tal-artikolu 72(1) tal-Kap 416

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni taghha, f'kaz ta' htija, thassar il-Licenzji jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontmeplat fl-artikolu 31 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabie fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska u disturzzjoni tal-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluna li f'kaz ta' htija tikkundanna lil Stephen Vella ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz ikun trattat u deciz tal-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza;

Stante l-ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati.

Rat l-art. 298 (1) (a) (b) (c) (f), 298B tal-Kap 9 u 72 (1) tal-Kap 416.

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat.

Minflok li tikkundannah il-Qorti qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena (1) mil-lum u dan ai termini tal-art. 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------